**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 358/2016JB

Numru: 5

**Paul Farrugia (K.I.: 107467M) u John Farrugia (K.I.: 499868M) ezercjenti l-kummerc bl-isem "Farrugia Lighting and Interiors"**

***vs***

**Christopher maghruf bhala Chris Cassar (K.I.: 578165M) u martu Suzanne Cassar Dimech (K.I.: 16074M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar it-2 ta' Settembru 2016 fejn l-Atturi talbu li l-Konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta' tlett elef u mitt euro (€3,100) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija li giet ordnata minn, u kkonsenjata, lill-Konvenuti u minkejja li gew interpellati ghall-hlas, baqghu moruzi. Talbu wkoll l-ispejjez, inkluz dawk ta' mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 4);

Ra li l-Konvenuta, debitament notifikata bl-atti (a fol 5), ipprezentat risposta nhar l-24 ta' Ottubru 2016 (a fol 6) fejn eccepiet dan li gej:

1. Preliminarjament, l-esponenti mhijiex legittimu kuntradittur fil-kawza odjerna stante li ma kkontrattat ebda dejn mal-partijiet l-ohra fil-kawza;

2. Illi subordinatament, is-somma reklamata hija dovuta mill-Konvenut l-iehor stante li bejn il-Konvenuti hemm viggenti kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fl-Atti tan-Nutar Mario Bugeja tal-11 ta' Dicembru 2001;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra li l-Konvenut, debitament notifikata bl-atti (a fol 9),ipprezenta risposta nhar l-24 ta' Novembru 2016 (a fol 11) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Preliminarjament, it-talba attrici hija preskritta *ai termini* tal-Art. 2148(b) tal-Kap. 16;

2. Illi subordinatament, l-ammont pretiz mhux dovut;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta li bejn il-Konvenuti japplika r-regim tas-separazzjoni tal-beni (kuntratt a fol 6 *et seq*). Il-Konvenut kien akkwista xi oggetti ghad-dar minghand l-Atturi. Ghad li l-Konvenuta kienet prezenti meta l-Konvenut mar fil-hanut tal-Atturi, hi tistqarr li l-involviment taghha kien li tghin lil zewgha jaghzel. Jidher li z-zwieg tal-Konvenuti llum sfaxxa u l-Qorti kompetenti ordnat l-isfrattu tal-Konvenut mid-dar matrimonjali. Jidher li quddiem din is-sitwazzjoni, il-Konvenut waqaf jaghmel pagamenti biex illum baqa' bilanc ta' €3,100 favur l-Atturi. L-Attur John Farrugia xehed dwar dan u kkonferma li l-fattura inharget lill-Konvenut ghad li jghid li l-Konvenuta kienet prezenti anke fil-waqt tal-kunsinna. Il-Konvenut ma deherx ghas-smiegh u ma ressaqx provi.

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, is-Socjeta Attrici irnexxielha tipprova t-talba fil-waqt li l-Konvenut ma ressaq ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu. Il-Konvenuta min-naha taghha rnexxilha tipprova li hi estranea ghan-negozju bejn zewgha u l-Atturi. Ghalhekk jixraq li t-talba tintlaqa' limitatament fil-konfront tal-Konvenut;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenuta u jilliberaha mill-osservanza tal-gudizzju, jichad l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, konsegwentement, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut Christopher Cassar ihallas is-somma ta' €3,100 lill-Atturi bl-imghax mid-data tan-notifika tal-kawza. Spejjez kif mitluba fl-Avviz a karigu tal-Konvenut Cassar.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*